MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1398/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Roberta Mulvaney (ID. 96878M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' seba mitt ewro u sitta u tmenin centezmu (€700.86) minghand il-konvenuta, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lilhu abbazi ta' ftehim bejn il-partijiet, u minkejja li giet interpellata sabiex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-19 ta’ Novembru 2010 fejn deheret il-konvenuta u ammettiet it-talba attrici kif dedotta kontra taghha.

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-konvenuta stess, it-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ seba mitt ewro u sitta u tmenin centezmu (€700.86), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------